PLURIBUS PARENS

Minuti tas-sbatax il-laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru 2013 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut,<br>u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |
| Skużata:- | Kunsilliera: | Demelsa Grech |

**<u>Aġenda:-</u>**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
   a. Minuti 15/7 (18 ta' Novembru 2013)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
      i. Viċi-Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Xogħlijiet u Progress:-
   a. Triq il-Kbira - kontijiet
   b. Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa.
   c. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni

5. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress

6. Milied 2013 u l-Ewwel tas-Sena 2014
   a. Programm t'attivitajiet u baġit

7. Finanzi:-
   a. Petty Cash;
   b. Skeda ta' Pagamenti;
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-5.55pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv informa illi kien ġie infurmat illi Ms. Grech ma setgħetx t'attendi peress li kellha impenji oħra li ma setgħetx tevithom. Il-Kunsill qabel illi għal kull buon fini tal-attendenza Ms. Grech għandha tiġi konsiderata skużata u għalhekk ma jkunx hemm tnaqqis fil-kalkulazzjoni tal-onorarja.

Is-Sindku fakkar li din il-laqgħa sejra tkompli fuq l-Agenda tal-laqgħa tat-02 ta' Diċembru 2013 u tkompli dwar dik l-aħħar tema li kienet diġa bdiet tiġi diskussa waqt il-laqgħa tat-02 ta' Diċembru 2013.

## 4.0 Xogħlijiet u Progress

4.1.0 Triq il-Kbira – kontijiet

4.1.1 Malli kompliet id-diskussjoni qamu mistoqsijiet dwar kemm inqataw bankini li saru mill-kuntrattur li oriġinalment kellu xogħol tal-bankini f'dan il-proġett.

4.1.2 Saret mistoqsija oħra dwar il-'pave' li kellu ukoll jerġa jintuża u jekk dan kienx inġabar bil-galbu jew b'mod diżordinat. Saret mistoqsija ukoll dwar x'għamel il-kuntrattur Denfar Excavators b'dan il-materjal. Is-Sindku wieġeb li għalkemm il-materjal kien inġabar bil-galbu dan ma setax jerġa jintuża peress li l-musmar tal-hijmak kien kisru f'ħafna biċċiet u li għalhekk kien tajjeb biss sabiex jintuża bħala radam.

Il-Kunsill qabel, li l-perit inkarigat fuq dan il-proġett, joħroġ valutazzjoni tal-materjal li kellu jinqala bil-għan li jerġa jintuża, u li wara dan l-ammont jinqata mill-kont li qed jitlob il-kuntrattur Denfar Excavators Ltd.

Saret diskussjoni dwar il-kontijiet kif preżentati mill-kuntratturi, cioe Denfar Excavators Ltd u Philip Agius & Sons (Maksar). Wara deliberazzjoni kemmxejn estensiva, il-Kunsill qabel li jagħmel dawn il-pagamenti:-

Asfaltar/tarmac – kuntrattur Philip Agius & Sons (Maksar)

| | |
|---|---|
| Ammont mitlub | €44,083.71 |
| Ammont ta' pagament awtorizzat - | €44,083.71 |

Bankini u xogħlijiet oħra – kuntrattur Denfar Excavators Ltd

| | |
|---|---|
| Ammont mitlub | €27,315.92 |
| Ammont ta' pagament awtorizzat - | €20,000.00 |

Dwar il-bilanċ, il-Kunsill għadu qed jitlob spjegazzjoni u tagħrif ieħor qabel ma jkun jista' jawtorizza dan il-ħlas dwar il-bilanċ €7,315.92.

4.2.0 Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa (minnaħa ta' Triq il-Kbira u li twassal sa Triq il-Pluvieri)

4.2.1 F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi għandha tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill speċifikament dwar dan il-proġett għat-Tlieta 07 ta' Jannar 2014 fis-5.45p.m. u li għaliha għandha tiġi msejħa li tattendi l-Perit tal-Kunsill, Audrey Ann Bonnici li ukoll sejra tkun il-Perit inkarigat sabiex tagħti pariri lill-Kunsill dwar kif għandu jitmexxa dan ix-xogħol.

4.3.0 Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni

4.3.1 Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Perit Bonnici sabiex tirrelata dwar kif għandu jitmexxa dan il-proġett peress li l-fondi ta' taħt din l-iskema għandhom jintużaw sa l-aħħar ta' Frar 2014.

## 5.0 UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress

5.1 Il-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino qal li x-xogħol miexi sewwa u kif kien programmat.

5.2 Is-Sur Baldacchino qal li hemm bżonn li jinxtraw żewġ dustbins li jixirqu l-ambjent tal-madwar. Hemm bżonn ukoll filata ġebel fil-pitch sabiex tilqa l-ħamrija. Hemm ħtieġa ukoll safety fil-pitch billi jsir lastiku mal-kantunieri u xfur ta' dan il-pitch.

5.3 Is-Sur Baldacchino qal li kif kien indikat fit-tender għad fadal li jsir bank xieraq fil-gazebo. Sejjer issir ukoll railing xieraq matul u madwar il-gazebo. Madwar il-gazebo hemm bżonn żebgħa bil-kulur terracotta li jista' issir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

5.4 Is-Sur Baldacchino qal ukoll illi l-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura sabiex jiġi irranġat il-ġnien speċjalment l-art minħabba li qed tinqala ċangatura li qed ukoll toħloq periklu.

5.5 Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jikkonsidra li fi Ġnien R. Caruana jitpoġġew CCTV cameras bil-għan li jbiegħed l-abbuż u l-vandaliżmu.

5.6 Fl-aħħarnet is-Sur Baldacchino irringrazzja lill-Kunsilliera u l-amministrazzjoni tal-Kunsill għal ko-operazzjoni tagħhom fil-ħidma tiegħu f'dan il-proġett li huwa maħsub speċjalment li tingħata ħajja aħjar kemm lir-residneti tal-Gudja kif ukoll għal dawk kollha li jiffrekwentaw dawn l-inħawi.

5.7 F'dan l-istadju is-Sindku JM Calleja qal li xtaq jagħti proset lil Viċi-Sindku R. Baldacchino għal mod li ħadem fuq dan il-proġett u ikkonferma li l-Kunsil japprova x-xogħlijiet msemmija mis-Sur Baldacchino u li jsir in-nefqa meħtieġa.

## 6. Milied 2013 u l-Ewwel tas-Sena 2014

### a. Programm t'attivitajiet u baġit

6.1 Kunċert – Birmiftuħ – 19 ta' Diċembru 2013 bejn 7.15p.m. u t-8.00pm (b'bibita żgħira tal-okkażjoni) u Milied ta' Dari – 22 ta' Diċembru 2013 mis-2.00pm –il quddiem.

6.2 Is-Sur Caruana filwaqt li wera l-apprezzament għal kull min ikkopera u ħadem miegħu f'dan il-program stieden lil kulħadd sabiex jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet u jinkoraġixxu lir-residenti kollha tal-Gudja u lin-nies barra mill-Gudja sabiex jattendu bi ħġarhom u jaraw b'għajnejhom dak li kapaċi tipproteġi l-Gudja fil-qasam kulturali, spetaklu u divertiment popolari f'atmosfera ġenwiena.

6.2 Il-Kunsill qabel ukoll illi l-ELC jipprovdu 20 siġra sabiex jinħoloq l-isbaħ ambjent waqt l-attivita Milied ta' dari fit-toroq fil-qalba tal-Gudja.

## 7. Finanzi

7.1 Petty Cash; l-Kunsill approva n-nefqa ta' €23.58 u €56.99 għax-xahar ta' Ottubru u Novembru 2013 rispetivament.

7.2 Skeda ta' Pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti nru 07/7 għax-xahar ta' Novembru għas-somma totali ta' €19, 481.38 ġie approvata nem con. Dwar l-iskeda nru 08/7 għax-xahar Novembru 2013 (kontijiet ta' Triq il-Kbira) ġie approvat l-ammont ta' €65, 538.96 (id-differenza ta' €7315.92 li ma ġiex approvat hija dik tal-kuntrattur

Denfar Excavators hekk skond kif hawn imniżżel f'dawn l-istess minuti, aktar il-fuq).

7.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill approva x-xiri u finanzjament ta' diversi xogħlijiet, servizzi u materjal kif imessemmija u indikati aktar il-quddiem f'dawn l-istess minuti, kif ukoll ġie approvat il-ġebel għal pitch fi Ġnien R. Caruana u żebgħa għal partijiet ta' Ġnien R. Caruana.

## 8. <u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament</u>

8.1 Festa ta' Loreto 15 ta' Diċembru 2013. Is-Sur Caruana qal li jkun mixtieq illi l-Kunsill ikun konxju li dwar attivitajiet li jkunu qed issiru ġewwa l-Gudja sabiex ma jkunx hemm xi attivita tal-Kunsill li tista' taħbat ma' xi attivita oħra kif sfortunament ġara din is-sena meta l-ħarġa għal Għawdex li kienet miftehma fil-Kunsill li kellha ssir fl-14 ta' Diċembru 2013 ġiet mibdula għal 15 ta' Diċembru 2013.

Il-bdil fid-data waslet għal sentiment kontra l-Kunsill mill-ogranizzaturi li jorganizzaw il-festa fil-Kappella ta' Loreto li normalment tiġbed ħafna nies lejha u bil-ħarġa tal-Kunsill fl-istess ġurnata tal-festa tfixkel l-istess attendenza għall-festa.

Saret diskussjoni dwar dan u filwaqt li s-Sindku spejga r-raġuni għaliex inbidlet id-data għal dik tal-15 ta' Diċembru 2013 qal ukoll illi huwa ma kienx konxju li fl-istess ġurnata tal-15 ta' Diċembru 2013 kellha ssir il-festa fil-Kappella ta' Loreto.

Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jaħdem sabiex issir kalendarju tal-attivitajiet tal-Kunsill għas-sena 2014 u b'hekk jiġi assigurat li ma jkunx hemm diżappunt għal xi soċjeta ġewwa l-Gudja li tkun qed torganizza xi attivita li tkun tista' tiġi mfixkla bla bżonn bl-attivita li jkun jorganizza l-Kunsill.

8.2 Pagamenti – Sindku, Viċi-Sindku u l-Kunsillieri. Il-Kunsill qabel unanimanent illi jsir il-ħlas (bla ebda nuqqas peress li kull min ma attendix għal xi laqgħa tal-Kunsill kien ikonsidrat/a skużat/a). Il-ħlas huwa għal sitt xhur minn Lulju sa Diċembru 2013.

Il-Kunsill approva ukoll illi dan il-pagament joħroġ ukoll b'mod immedjat.

8.3 Bibita fit-23 ta' Diċembru 2013 f'nofsinhar. Il-Kunsill qabel li ssir bibita għall-okkażjoni tal-Milied.

8.4 Ikla tal-Milied tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ssir ikla għal kunsillieri kollha, partners tagħhom u l-impjegati amministrattivi tal-Kunsill u li għandu josserva kompletament il-memo 29/2013 dwar dan.

Il-Kunsill qabel li din l-ikla issir fis-26 ta' Diċembru 2013 u li jordna t-trasport mill-bini tal-Kunsill sal-lukanda/restaurant u lura.

8.5 Atti vandali. Is-Sur Baldacchino qal li jħossu ferm diżappuntat li jinnota li fi żmien qasir u partikularment meta suppost wieħed ikun fi spirtu ta' ċelebrazzjoni fil-jiem qabel il-Milied isir serq ta' motifs mir-roundabout quddiem Palazzo d'Aurel u żewġ siġriet tal-larinġ fi Ġnien R. Caruana.

Is-Sur Baldacchino qal li għandu jsir kull sforz sabiex min jaħseb li jagħmel dawn l-atti gordardi jinqabad u li jittieħdu passi skond il-liġi. Il-Kunsill innota illi l-ELC qablet li tagħmel il-motifs quddiem Palazzo d'Aurel u ta' dan il-Kunsill jirringrazzja lill-ELC għal ko-operazzjoni tagħha mal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jerġaw jinxtraw żewġ siġriet oħra u jerġgħu jitħawwlu fl-istess post li kienu s-siġar li insterqu.

8.6 Gradwati tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li b'sodisfazzjoni jinnota illi ta' kull sena kemm mill-Universita kif ukoll mill-MCAST u l-ITS qed jigradwaw numru sabieħ ta' studenti mill-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li dan huwa unur għal Gudja u għalhekk il-Kunsill ikun xieraq illi jagħti ġieħ u jifraħ lil dawn il-gradwati mill-Gudja fil-ħiliet u akwisti akkademiċi u vokazjonali tagħhom.

Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lil dawn l-istituzzjonijiet il-lista ta' dawn il-gradwati u li titbagħat mill-Kunsill ittra ta' kongratulazzjoni lil kull wieħed u waħda minn dawn il-gradwati li jigradwaw fis-sena 2013.

8.7 Proġett Youth in Action – Estonja – mid-19 sas-26 ta' Jannar 2014. Is-Sur Sammut ippreżenta ittra ċirkulari sabiex jistieden il-parteċipanti żgħażagħ mill-Gudja f'dan il-programm li kif diġa approvat sejjer ikun immexxi mill-istess Sur Sammut.

Il-Kunsill qabel li l-ewwel preferenza tingħata liż-żgħażagħ mill-Gudja iżda jekk ma jkunx hemm żgħażagħ biżżejjed mill-Gudja li ser jkunu qed jipparteċipaw għal din is-sejħa u opportunita, tingħata ukoll lil żgħażagħ eliġibli li ma joqgħodux fil-Gudja.

8.8 Awguri. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri filwaqt li taw l-awguri għal Milied Hieni u Sena 2014 mill-isbaħ estendew dawn l-awguri lill-amministrazzjoni tal-Kunsill u lid-diriġenti kollha tal-Gvern lokali u lir-residenti kollha tal-Gudja.

8.9 Għeluq/Aġġornament. Peress li kien sar il-ħin il-laqgħa għalqet fid-8.55p.m. u ġiet aġġornata għan-nhar it-Tlieta 07 ta' Jannar 2014 fis-5.45p.m. kif indikat aktar il-quddiem u kif jiġi indikat fl-Agenda li tiġi ċirkulata qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-